

Brussell, 13 ta' Lulju 2018
(OR. en)

10586/18

Fajl Interistituzzjonali:
2017/0123(COD)

CODEC 1184
TRANS 291
PE 92

NOTA TA' INFORMAZZJONI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill

Suġġett: Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1071/2009 u r-Regolament (KE) Nru 1072/2009 bl-għan li jiġu adattati għall-iżviluppi fis-settur – Eżitu tal-proċedimenti tal-Parlament Ewropew (Strasburgu mit-2 sal-5 ta' Lulju 2018)

I. INTRODUZZJONI

Ir-relatur, is-Sur Ismail ERTUG (S&D, DE), ippreżenta rapport li jikkonsisti f'70 emenda (l-emendi 1-70) għall-proposta għal Regolament, fisem il-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu.

Barra minn hekk, il-gruppi politiċi ressqu l-emendi li ġejjin: L-S&D ressaq żewġ emendi (l-emendi 100-101), l-ECR ressaq 11-il emenda (l-emendi 71-81), il-Ħodor/EFA emenda waħda (l-emenda 82), l-GUE/NGL sitt emendi (l-emendi 102-107), l-ENF ħames emendi (l-emendi 95-99). Erbatax-il emenda tressqu minn aktar minn 38 MPE (l-emendi 83-94, u 108-109).

II. VOTAZZJONI

Meta vvutat fl-4 ta' Lulju 2018, il-plenarja adottat l-emendi 1-55, 58-70, u 96 għall-proposta għal Regolament. Madankollu, l-abbozz ta' att leġislattiv, kif emendat, ma ġiex adottat¹.

Peress li l-abbozz tal-att leġislattiv, kif emendat, naqas milli jikseb maġġoranza ta' voti, il-kwistjoni tressqet lura għand il-Kumitat għal rikonsiderazzjoni, skont ir-Regola 59(4)(4) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew, b'hekk l-ewwel qari tal-Parlament baqa' miftuħ.

¹ 103 favur, 551 kontra, 29 astensjonijiet.